**NOVEMBRU 2007** **NUMRU 226**

## Lill-Presidenti, Assistenti Ekkleżjastiċi u Membri.

Kif ktibtilkom fil-Ħuġġieġa ta' Ottubru, din is-sena sejrin flimkien nisħqu iktar fuq l-importanza tal-qdusija personali, kif Santa Tereża tispjega fil-Kastell Ġewwieni, li fih seba' għamajjar.

L-ewwel għamara, jew kamra ta' dan il-kastell li hija ruħna. Biex nidħlu f'dan il-kastell irridu nirfsu u ngħaffġu fuq ħafna annimali moqżieża. Dawn huma d-dnub. Ma jistax il-bniedem jidħol fih innifsu u ma jagħmilx proponiment sod u jsir jobgħod id-dnub fuq kull ħaġa oħra. F'din l-ewwel kamra jinħtieġ ngħarfu lilna nfusna. Biex nidħlu fina nfusna jinħtieġ it-talb u l-meditazzjoni. Talb li ma jsirx bix-xuftejn biss, iżda mill-qalb u l-moħħ, nafu x'aħna nitolbu u ma' min qed nitolbu. Biex naslu fis-seba' kamra fejn hemm il-Majestà Tiegħu Alla, jinħtieġ li nwarrbu kull tfixkil.

Wara taħbit mhux ftit, ir-ruħ tipprova tidħol fit-tieni kamra, minkejja li r-ruħ għad baqgħala ħafna difetti, iżda għandha fehma soda li toħroġ minnhom. F'dan l-istat ir-ruh tibda tħoss dispjaċir kbir li għadha ma rebħitx għal kollox id-difetti u d-dnubiet. Ejjew nidħlu fir-ruħ tagħna, naħsbu bis-serjetà . . . li rridu mmorru 'l ġenna, imma għad m'għandniex dik ir-rieda soda li mhux biss li nobogħdu d-dnub imma li nikber dejjem fl-imħabba ta' Alla. . . .

Bħas-soltu, kellna Assemblea interessanti . .. Għad baqagħlna membri li ma jinteressahomx li darba fis-sena niltaqgħu bħala familja. Kellna esperiment li rnexxa ħafna li wara l-Assemblea ltqajna fis-sala għal ikel . .. L-ikel kien tajjeb ħafna grazzi għal min ipprepara b'imħabba l-ikel. Prosit lil Marvic ta' l-idea li wettqet b'tant saġrifiċċji ma' oħrajn li għamlu ħilithom biex din il-laqgħa familjari rnexxiet daqshekk. Prosit lil kulħadd.

Infakkru lill-membri biex jagħmlu mill-aħjar li fil-laqgħat jimxu fuq il-Ħuġġieġa, l-ewwel parti mill-Bibbja ssir minn membru, u t-tieni parti ssir minn membru ieħor, biex dejjem il-membri jitħarrġu jagħmlu l-laqgħa. Ma tistgħux tagħmlu l-laqgħa jekk ma tistudjawhiex minn qabel ! . . . Li tmur tagħmel il-laqgħa mingħajr preparazzjoni hija preżunzjoni . . li hija ħaġa ħażina. Jekk nippruvaw naslu.
**P.Damian Cachia O.Carm Ass. Ekkl. Ġenerali**

## MADWARNA

### Wara l-Assemblea Ġenerali.

Madwar 600 ruħ attendew l-Assemblea. Numru sabiħ. Kienet okkażjoni fejn iltqajna flimkien żgħar u kbar madwar l-Isqof tagħna. Wara, 300 minn dawk li attendew kielu flimkien bħal familja waħda kbira.

Għadu jidwi f'widnejja d-daqq sabieħ ta' l-Ave Marija fuq il-pjanu u kliem ta' l-Arċisqof ... . "Ibnu relazzjoni ma' Ġesù. Għażlu lil Ġesù bħala t-triq u għidu jien se nimxi fuq il-passi Tiegħu flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu. Neħħu d-dubji u l-biża." Il-membri qaddisin juruna t-triq, jagħmlulna l-kuraġġ u jitolbu għalina.

Nieħdu kull opportunità li toffrilna l-Azzjoni Kattolika biex il-programm ta' din is-sena iħalli l-frott tiegħu. Il-Qaddisin Membri jitolbu għalina u juruna t-triq.

Wara l-Assemblea ta' Malta morna għal dik ta' Għawdex. Id-Djoċesi ta' Għawdex għandha l-qari ta' l-Evanġelu bħala l-programm għall-Pjan Pastorali tagħha u għażlet l-ikona ta' l-Assunzjoni biex tfakkar lil Għawdxin li bħal Marija għandhom jilqgħu l-aħbar it-tajba. Biex tkun konformi mal-pjan pastorali l-Azzjoni Kattolika ta' Għawdex għażlet il-motto 'Il-Kelma ta' Alla iġġeddidna'. L-Isqof ta' Għawdex ħeġġeġ lil membri biex jibqgħu jixorbu mill-għajn safja ta' formazzjoni li taf tagħti l-Azzjoni Kattolika.

Miet Dun Ġużepp Caruana - l-Assistent Ekkleżjastiku tal-*Paola Youth Centre*. Dun Anton Gouder waqt l-omelija sejjaħlu Dun Bosco ta' Raħal Ġdid. Għall-62 sena sħaħ ħadem maż-żgħażagħ fl-Iskola ta' Saint Joseph ir-Raħal Ġdid u fil-għaxija il-*Paola Youth Centre*. Kemm tħabat biex bena ċ-ċentru sabiħ li jiltaqgħu fih. Il-post tal-villeġġatura tiegħu kien għalihom. Kien isiefer, jieħu l-koppji miegħu. Tagħhom ġidu u saħħtu. Mhux ta' b'xejn kellu daqshekk koppji żgħażagħ fil-funeral tiegħu. J'Alla niddedikaw ruħna għall-Azzjoni Kattolika bħal ma ddedika ruħu hu.

Waslet iċ-Ċelebrazzjoni Djoċesana ta' Kristu Re li se ssir fl-aħħar Ħadd tas-Sena liturġika. Ningħaqdu mal-Maltin sħabna biex nagħtu qima lill-Kristu Sultan tagħna fil-pubbliku.
**Joyce Pullicino, President Ġenerali**

## Fergħa Rġiel

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa 9 ta' Novembru | Ċenaklu (Membri tal-Kunsill) fis-6.00 p.m. f'Sala Mons. Dandria, Istitut Kattoliku, Floriana. |
| Il-Ħamis 15 ta' Novembru | Skola ta' l-Appostolat fid-9.30 a.m., f'Sala Gonzi, Istitut Kattoliku, Floriana |
| It-Tnejn 19 ta' Novembru | Laqgħa tal-Kunsill Ċentrali fis-6.00 p.m. |

## Moviment Għalliema Kattoliċi

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa 9 ta' Novembru | Ċenaklu (Membri tal-Kunsill) fis-6.00 p.m. f'Sala Mons. Dandria, Istitut Kattoliku, Floriana. |
| L-Erbgħa 14 ta' Novembru | Laqgħa tal-Kunsill, fil-5.30 p.m. |
| Il-Ħamis 15 ta' Novembru | Skola ta' l-Appostolat fid-9.30 a.m. f'Sala Gonzi, Istitut Kattoliku, Floriana |
| L-Erbgħa 21 ta' Novembru | Laqgħa tal-Kunsill, fil-5.30 p.m. |

## Fergħa Nisa

| | |
|---|---|
| L-Erbgħa 7 ta' Novembru | Laqgħa ta' talb għar-Romol |
| Il-Ħamis 8 ta' Novembru | Kunsill Ċentrali fid-9.30 a.m. |
| Il-Ġimgħa 9 ta' Novembru | Ċenaklu (Membri tal-Kunsill) fis-6.00 p.m. f'Sala Mons. Dandria, Istitut Kattoliku, Floriana. |
| Il-Ħamis 15 ta' Novembru | Skola ta' l-Appostolat fid-9.30 a.m. f'Sala Gonzi, Istitut Kattoliku, Floriana |
| L-Erbgħa 21 ta' Novembru | Forum Day għaċ-Ċirkoli kollha. |
| Il-Ħamis 29 ta' Novembru | Laqgħa Formattiva fl-Oratorju l-Mosta |
| Il-Ħamis 6 ta' Diċembru | Skola ta' l-Appostolat |
| It-Tlieta 11 ta' Diċembru | Ħarġa Soċjali għar-Romol |

## Fergħa Xebbiet Adulti

| | |
|---|---|
| I-Ħamis 8 ta' Novembru | Kunsill Ċentrali fis-6.00 p.m. |
| Il-Ġimgħa 9 ta' Novembru | Ċenaklu (Membri tal-Kunsill) fis-6.00 p.m. f'Sala Mons. Dandria, Istitut Kattoliku, Floriana. |
| Il-Ħamis 15 ta' Novembru | Skola ta' l-Appostolat fid-9.30 a.m. f'Sala Gonzi, Istitut Kattoliku, Floriana |

NOTA : Dan ix-xahar niftakru fl-erwieħ tal-membri mejtin u ta' l-Assistenti Ekkleżjastiċi.

## Fergħa Żgħażagħ Azzjoni Kattolika Ż.A.K.

| | |
|---|---|
| 2 – 4 ta' Novembru | Live-in għal ŻAK Ħal Tarxien. |
| Il-Ħadd 11 ta' Novembru | Support Group. |
| It-Tnejn 12 ta' Novembru | Laqgħa ta' formazzjoni għal leaders f'Birkirkara. |
| 16 – 18 ta' Novembru | Live-in għal ŻAK San Ġiljan u ŻAK Iklin. |
| 20 – 25 ta' Novembru | Live-in għal ŻAK Safi u ŻAK B'kara. |
| It-Tnejn 26 ta' Novembru | Laqgħa ta' formazzjoni għal leaders f'Birkirkara. |
| 30 ta' Nov – 2 ta' Diċ | Live-in għal ŻAK Siġġiewi |
| It-Tnejn 10 ta' Diċembru | Laqgħa ta' formazzjoni għal leaders f'Birkirkara. |
| 14 – 16 ta' Diċembru | Live-in għal ŻAK Ħal Tarxien. |
| Il-Ħadd 16 ta' Diċembru | Support Group. |

## GRUPPI KOPPJI MIŻŻEWĠIN

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa 9 ta' Novembru | Ċenaklu (Membri tal-Kunsill) fis-6.00 p.m. f'Sala Mons. Dandria, Istitut Kattoliku, Floriana. |
| Il-Ħamis 15 ta' Novembru | Skola ta' l-Appostolat fid-9.30 a.m. f'Sala Gonzi, Istitut Kattoliku, Floriana |
| Grupp Koppji Rabat | Rtir |
| Meta | 9 ta' Diċembru 2007 |
| Fejn | De Piro Youth Center Rabat |
| Ħin | mid-9.30 a.m. sa 12.00 p.m. |
| Kelliem | Provinċjal Dun Pawl Gatt O.P. |

Gruppi oħra huma mistiedna li jattendu.

## KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ

**SOLIDARJETÀ** Il-programm li tippreżenta l-Kummissjoni Ħidma Morda ta' l-A.K.M. ddedikat lill-Morda u Persuni b'diżabilità SOLIDARJETÀ qed jinstema' kull nhar ta' Ħadd fit-8.30 p.m. fuq Radju Malta. Dawn huma d-dati tal-Programm għal Novembru :- 4, 11, 18 u 25.

***E|EKUTTIV*** Nhar l-Erbgħa 14 ta' Novembru fis-6.00 p.m se ssir laqgħa ta' l-Eżekuttiv tal-Kummissjoni li fiha jiġu diskussi l-attivitajiet ta' Diċembru 2007 u Jannar 2008. Il-membri kollha huma mitlubin jattendu u jkunu fil-ħin.
President

# SKOLA TA' L-APPOSTOLAT

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007
f'Sala Mons. Gonzi, Istitut Kattoliku,
Floriana, fid-9.30 a.m.

## Adorazzjoni Għall-Vokazzjonijiet

Fis-Seminarju tal-Virtù, Rabat, kull l-ewwel Ħamis tax-xahar, qegħda tiġi organizzata ġurnata ta' talb quddiem Ġesù Sagramentat bis-sehem ta' diversi gruppi minn madwar Malta. Għall-Azzjoni Kattolika ġie allokat il-ħin bejn il-5.30 p.m. u s-6.30 p.m. L-iskop huwa li nitolbu għall-vokazzjonijiet saċerdotali u għall-ħajja kkonsagrata. Qegħdin nagħmlu sejħa liċ-ċirkoli biex jagħżlu xi xahar partikolari li fih joffru li jmorru jgħaddu siegħa ma' Ġesù Sagramentat.
Għal iżjed informazzjoni ċemplu lil Mrs C. Agius Delicata fuq tel:- 21238851. Inħeġġu lil kull min jista biex jattendi.

## KUMMISSJONI FUND-RAISING

Pranzu fil-Lukanda Soreda, Triq Andrew Cunningham, Qawra.
Il-Ħadd 18 ta' November 2007 Ħin : 12.00 p.m għas -1.00p.m.
Wara l-waqfa tas-Sajf l-Azzjoni Kattolka, f'Ottubru tat bidu għal sena oħra ta' ħidma. Hekk ukoll l-Kummissjoni Fundraising se tagħti bidu għall-attivitajiet tagħha. Din id-darba bil-Buffet Lunch ta' San Martin nhar il-Ħadd 18 ta' Novembru 2007 fil-Lukanda Soreda, Triq Andrew Cunningham, Qawra.

**Sunday Buffet**

A Selection of salads, antipasti and meat-cuts from our buffet table
Creamy zucchini soup with cottage cheese & chives

**From the Live Pasta Station**

Fusilli blended with Shellfish, wine and herbs
Or
Tossed with Feta, Artichokes, Cherry Tomatoes and Ripe Black Olives

**From the Carvery Table**

Roast Loin of Beef: Horseradish Sauce
Roast Breast of Turkey Cranberry Sauce
Chicken legs, marinated with lemon, balsamic vinegar and Coriander and baked in its own juice
Vindaloo Lamb garnished with Basmati rice, poppadums and Condiments
Braisd whole Baby Swordfish, flavoured with Rasberry Vinaigrette
Bouquetiere of vegetables
Roast potatoes
Steakhouse Chips

**Selection of Desserts. Cheeses and carved fruits from our dessert table**

**Cheese and Maltese biscuits**

**1 Glass of Wine** Or **Soft Drink**

Żmien għal kitba sal-Ħamis 15 ta' Novembru 2007 fis-Segreterija ta' l-Azzjoni Kattolika fl-Istitut Kattoliku, Floriana, Tel :- 21222239 jew qabel jekk il-postijiet disponibbli jittieħdu. Permezz tagħkom il-membri, familjari u ħbieb qed nistennew attendenza numeruża. NARAWKOM.
Jekk jogħġbok għid ma' min tixtieq toqgħod fuq il-mejda.
Prezz: Kbar Lm6.00. Tfal taħt it-tnax il-sena Lm3.00.
Trasport Mrs Marie Bartolo - Tel: 21221931

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TA' L-AZZJONI KATTOLIKA

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa 9 ta' Novembru | Ċenaklu (Membri tal-Kunsill) fis-6.00 p.m. f'Sala Mons. Dandria, Istitut Kattoliku, Floriana. |
| Il-Ħamis 15 ta' Novembru | Skola ta' l-Appostolat fid-9.30 a.m. f'Sala Gonzi, Istitut Kattoliku, Floriana |
| L-Erbgħa 28 ta' Novembru | Laqgħa tal-Kunsill fis-6.00 p.m. |

**Żewġ Laqgħat ta' Taħriġ F'Sala Dandria**

**Istitut Kattoliku, Floriana mis-6.00p.m. - 7.30 p.m.**

**'Nilbsu l-Ispirtu tal-Mulej fil-Karità li Nwettqu'**

**It-Tnejn 5 ta' Novembru 2007 It-Tnejn 12 ta' Novembru 2007**

Kelliem:- Dun Ġorġ Dalli M.S.Th

STEDINA LIL:- Membri tad-Direttorju

Membri tal-Kunsilli Ċentrali

Voluntiera Tas-Segretarjat Assistenza Soċjali

Il-Membri kollha ta' l-Azzjoni Kattolika - għax kull membru huwa msejjaħ biex ikun qaddej kif kien Kristu.

Servizz bil-Minibuses

Nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-Kundizzjoni tagħhom u bbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-Komunità.
Ċemplu fuq 21226920 u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess jew fuq il-Mobile No:- 99452768 (Joe Theuma Driver). F'każ ta' diffikultà ċemplu l-Uffiċċju SAS : 21220286 u agħmlu l-*booking* tagħkom.

# Ċenaklu Għad-Diriġenti Ċentrali

Nhar il-Ġimgħa 9 ta' Novembru 2007

Fis-6.00 p.m.

f'Sala Mons. Dandria, Istitut Kattoliku, Floriana.

Il-Membri tad-Direttorju Ġenerali u tal-Kunsilli u Kummissjonijiet Ċentrali huma mħeġġa li jattendu.

Il-Ġabra li saret fl-Assemblea Ġenerali nhar il-Ħadd 14 ta' Ottubru 2007
Kienet ta' Lm 165.00.

# FESTA TA' KRISTU RE

Inħeġġukom biex ilkoll nattendu l-Festa ta' Kristu Re

DATA : - Nhar il-Ħadd 25 ta' Novembru 2007

FEJN :- San Ġwann (Bus no 41, 42 jew 66)

ĦIN :- fl-4.00 p.m.

Biex b'mod pubbliku nuru l-komunjoni mal-Knisja






**TINSIEX**

**IĠĠEDDED**

**l-ABBONAMENT**

***tiegħek***

# FIL-ĦUĠĠIEĠA

**GĦAS-SENA 2008**

**FIL-BOOKSHOP ta' l-AZZJONI KATTOLIKA – FLORIANA**




**SAT-23 TA' NOVEMBRU 2007**




**Abbonament jiswa:**

***Bil-Posta Lm 2.50 – EUR 5.823***

***Mill-'Bookshop' – Lm 2.25 – EUR 5.241***

***Trid tagħti rigal b'differenza fil-Librerija ta' l-Azzjoni Kattolika – Istitut Kattoliku - Floriana***

***Wieħed isib:***

***Kull tip ta' kotba reliġjuzi bil-Malti u bl-Ingliz – għall-kbar u għat-tfal, kotba ta' interess ġenerali, oġġetti reliġjuzi – statwi, ikoni, santi, stationery, rigali u ħafna affarijiet oħra.***



***Issibu ukoll kemm 'cards' tal-'Vodafone' kif ukoll tal-'Go Mobile'. Jistgħu jinxtraw ukoll 'Book Tokens' u 'Gift Vouchers'.***

***Ħinijiet tal-Ftuħ: Matul il-ġimgħa - 9.00 ta' filgħodu sa nofsinhar***
***4.00 sas 7.30 ta' filgħaxija***
***is-Sibt – filgħodu biss***



***Tel: 21 237031***

***Għalhekk ixtri ir-rigali tiegħek min din il-Librerija u barra li tkun qed tagħti rigal mill-qalb tkun qed tgħin lil Azzjoni Kattolika Maltija fil-ħidma tagħha.***

**FL-GĦALQA TAL-MULEJ**
***KTIEB TA' TAGĦLIM***
**DWAR L-EZORTAZZJONI APPOSTOLIKA**
**CHRISTIFIEDES LAICI**
**MIĠBUR MINN**
**MONS DUN ALWIĠ DEGUARA**
**GĦAL PREZZ TA' LM0.25C – EUR 0.58**